MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 129/2012

**David (427863M) u Mary (109972M) konjugi Theuma; Anthony (727758M) b'korrezzjoni ordnata b'verbal tal-Qorti datat 14 ta' Gunju 2012 jaqra (727759M) u Grace (546063M) konjugi Theuma; u Michael (503950M) u Josephine (600557M) konjugi Theuma**

**-Vs-**

**Giuseppi Spiteri**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tas-7 ta' Frar 2012,li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti huma propjetarji ta' bicca art maghrufa bhala "Tac-Cirimella" fil-limiti ta' Hal-Kirkop tal-kejl superficjali ta' erbat elef, u disgha u tletin metri kwadri (4,039m2).*

*Illi din l-art kienet tinhadem minn Katherina Cassar, oht il-konvenut, li pero cediet l-qbiela taghha lill-atturi fl-1987 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness.*

*Illi din il-porzjon art kienet tifforma parti minn ghalqa akbar, li originarjament kienet imqabbla lil missier il-konvenut u sussegwentement diviza bejn l-ahwa.*

*Illi permezz ta' dik id-divizjoni bejn l-ahwa kerreja kien inholoq dritt personali ta' access minn fuq l-art, illum proprjeta shiha ta' l-atturi.*

*Illi ai fini ta' l-Artikolu 465 tal-Kodici Civili, kwalunkwe servitu li c-censwalist l-uzufruttwarju, jew il-kerrej ikunu hallew li tigi ezercitata fuq il-fond minghajr ebda titolu li kien jezisti minn qabel, ma tkun ta' hsara ghall-padrun dirett jew ghas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iz-zmien li fih fis-servitu tkun giet ezercitata.*

*Illi wara li gie finalizzat l-akkwist tal-proprjeta surreferita mill-atturi, l-istess atturi inhallu minn kull forma ta'servitu li setghu assumew qua kerrejja.*

*Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Lia tad-29 ta' Jannar, 1990, din l-art giet akkwistata libera u franka u hielsa minn kull pertinenzi.*

*Illi, minkejja diversi drabi interpellat l-konvenut qieghed illegalment jaghmel uzu minn dina l-art sabiex jaccedi ghall-art ohra mikrija lilu mill-Ufficju Kongunt u dana bla ma ghandu l-ebda titolu validu fil-ligl sabiex huwa jaghmel dan.*

*Illi dan l-abbuz da parte tal-konvenut qieghed jarreka pregudizzju serju fil-konfront ta' l-atturi stante li ma jistghux jisservew, kif inhu dritt taghhom li jaghmlu u b'mod komplet minn l-art proprjeta taghhom ghall-iskopijiet li ghalihom huma kienu akkwistawha.*

*Illi huwa essenzjali ghall-esponenti li l-konvenut jiddezisti minnfih milli jkompli jaghmel uzu minn din l-art proprjeta taghhom.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghala dina l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut m' ghandu l-ebda jedd ta' passagg minn fuq l-art hawn fuq indikata, m'ghandiex:*

1. *Tordna lill-konvenut sabiex jieqaf u jiddezisti milli jkompli jaghmel uzu mill-art proprjeta ta' l-atturi, jew li jiwanta kwalsiasi dritt ta' passagg jew drittijiet ohra fuq l-istess proprjeta'"*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut."*

Rat li  l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Giuseppi Spiteri tal-20 ta'Marzu 2012 (a fol. 27)  li taqra hekk:

1. *"Preliminarjament ir-res judicata billi bis-sentenza fl-ismijiet David Theuma et vs Giuseppi Spiteri (1452/2011 JA) deciza fit-30 ta' Settembru 2011 u esebita bhala Dok C mill-atturi stess, il-Qorti ta' l-Appell diga' cahdet talba tar-atturi biex jigi terminat l-istess dritt ta' passagg tal-esponent u biex l-esponent jitlaq il-pussess tal-istess passagg fuq l-istess proprejta';*

2. *IIli bla pregudizziu ghas-sueccepit, l-art imqabbla lill-esponent tgawdi jedd ta, servitu' minn fuq l-art proprjeta' tal-atturi kif rikonoxxut minnhom stess fl-atti tal-kawza msemmija David Theuma et vs Giuseppi Spiteri (1452/201 I JA) - App.Civ. 30.09.2011.*

3. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fuq l-iskrittura li biha Katerina Cassar cediet il-qbiela fuq l-art in kwistjoni favur l-atturi, l-istess  atturi intrabtu u obbligaw ruhhom ukoll li jirrispettaw il-passaggi stabbiliti bejn l-istess Katerina Cassar u hutha, fosthom l-eccepjent. L-atturi ma jistghux, jirrevokaw din l-obbligazzjoni taghhom unilateralment minghajr il-kunsens tal-beneficjarji.*

4. *Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' Giuseppi Stivala tal-20 ta' Marzu 2012 (a fol. 28);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-atturi tal-4 ta'Marzu 2014 (a fol. 58 et seq);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenut Giuseppi Spiteri tat-22 t'April 2014 (a fol. 61 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jindika dawk l-eccezzjonijiet fosthom dik ta':

> ***"res judicata"*** li ***"ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."***

Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut li hija fis-sens illi t-talba tal-atturi tikkonstitwixxi res judicata, billi s-sentenza fl-ismijiet David Theuma et vs Giuseppi Spiteri (1452/2011 JA) deciza fit-30 ta' Settembru 2011 il-Qorti tal-Appell kienet cahdet it-talba tal-atturi biex jigi terminat l-istess dritt ta' passagg tal-intimat u sabiex l-intimat jitlaq il-pussess tal-istess passagg fuq l-istess proprjeta'.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-insenjament moghti fis-sentenza moghtija mill- **Onor. Imhallef Joseph. R. Micallef** fl-ismijiet **Conris u Emanuel Pace Rivans vs Franco Rivans** deciza fit-**3 t'April 2014** illi permezz taghha dik il-Qorti tat spegazzjoni limpid tal-kuncett ta' res judicata u gabret is-sentenzi ewlenin tal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati.

Dik il-Qorti kienet irriteniet:

***"Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma (a) l-istess oġġett (eadem res), (b) l-istess partijiet (eadem personae) u (ċ) l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);***

***Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;***

***Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[1], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[2];***

***Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[3], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[4];***

***Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi***

---

[1] *App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet **Herrera noe vs Cassar noe et** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)*
[2] *App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet **Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana** (mhix pubblikata)*
[3] *P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[4] *Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet **J. Camilleri vs L. Mallia** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija*

***konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[5]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[6]...;"***

***"Illi jidher li l-punt kontrovers huwa dak dwar <u>l-element tal-identita' tat-talba attriċi</u> preżenti mat-talbiet li kienu saru fil-kawża l-oħra li l-attriċi kienet fetħet kontra ħutha l-imħarrkin quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (eadem causa petendi), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża[7]. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza[8];***

***Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li biex tabilħaqq jista' jingħad jekk hemmx identita' tal-oġġett tal-kawża bejn l-ewwel kawża maqtugħa b'sentenza u l-kawża li fiha titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat, wieħed irid "jeżamina jekk il-kwestjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġja' deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat"[9];***

---

[5] *Ara P.A.* ***11.3.1949*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Cassar Parnis vs Soler*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIII.ii.344);***
[6] *P.A. GV* ***27.6.1995*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** *(Mhix pubblikata)*
[7] *Kost.* ***25.1.2013*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***John Camilleri vs Avukat Ġenerali***
[8] *App. Ċiv.* ***31.3.1952*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Borġ noe vs Farruġia*** *(Kollez. Vol.****XXXVI.I.75)***
[9] *Ara App. Inf. PS* ***23.1.2009*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***

> ***Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih[10]. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-causa petendi fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[11];***
>
> ***Illi din il-Qorti tqis li huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi[12] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[13];***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Edward Borg u Mary Rose Borg vs Edward u Jane Bartlett** deciza fit-**8 ta'Novembru 2001** per **Onor. Imhallef Joseph. R. Micallef**.

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet **Giovanni Grima vs Victor Fava u Michele Peresso Kollez. Vol: LI.i.325** f'liema sentenza il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> ***"Hu veru illi dan ma jinghadx in termini fid-dispositiv tas-sentenza appellata. Izda, kif intqal fis-sentenza moghtija fil-kawza "Farrugia Gay vs Farrugia" (Kollez Vol XXIV, I 157) "per riconoscere il vero portato di un sentenza occore indagare quale fosse stato la questione sulla quale giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo guidizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazjione***

[10] *App. Ċiv.* ***6.5.2011*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Lambusa Maritime Company Ltd vs Freightzone (Malta) Ltd.***
[11] *Ara P.A. FGC* ***4.6.1999*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** *(mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija*
[12] *Art. 218 tal-Kap 12;*
[13] *Ara App. Ċiv.* ***25.4.1938*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** *(Kollez. Vol:* ***XXX.i.131****); App. Ċiv.* ***31.3.1952*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Borġ vs Farruġia*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVI.i.76****) u App. Ċiv.* ***12.5.1958*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Testaferrata Boniċi utrinque*** *(Kollez. Vol:* ***XLII.i.287****)*

> ***la quale e' anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il- giudicato". L-istess haga intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Debono vs Matthews" (App. Civ 24 t'Ottubru 1966) cioe illi "id-dispositttiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi ". Fl-appell "Dottor Caruana vs Dottor. Buhagiar (App Civ, 17 ta' Dicembru 1965) din il-Qorti qalet: "Biex dikjarazzjoni tkun konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament ragonament jew semplici mottiv izda vera soluzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirraprezenta il-konkluzjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu mportanti huwa li s-soluzzjoni jew konkluzjoni tkun inkluza fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti taghha". Fl-ahharnett fil-kawza "Testaferrata Bonnici vs Testaferrata Bonnici" (App. Civ 12 ta' Mejju 1958) intqal – u dak hu partikolarment appozitu ghall-kaz prezenti - illi "dak li hu antecedent necessarju tad-dispositttiv u li hu ta' bilfors ovvjament deducibblli minnu, jitqies involut fih u parti minnu".***

Irid jinghad ukoll illi, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni w impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[14] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat. Ibid Pace Rivans vs Rivans.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti sejra tezamina fid-dawl tal-principji enunzjati fil-gurisprudenza fuq citata, jekk jikkonkorrux it-tlett rekwiziti tar-res judicata fil-kawza odjerna.

Il-Qorti tibda biex tezamina r-rekwizit ta' eadem personae.

Il-Qorti taghraf li l-kawza l-ohra inizjata mill-atturi hija dik citazz. numru 1452/01/JA fl-ismijiet David, Anthony u Michael ahwa Theuma vs Giuseppi Spiteri. Illi f'dawk il-proceduri b'digriet tat-18 ta' Marzu 2005, gie kjamat in kawza, d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt. Fil-kawza odjerna l-atturi huma l-istess tlett ahwa flimkien pero man-nisa mizzewgin taghhom.

[14] Ara P.A. RCP **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Co Ltd***.

Skond l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Borg vs Edward u Jane Bartlett** (ibid), fejn parti tidahhal jew min rajha tidhol fit-tieni process, meta dan isir fis-sens ta' locus standi judicio, b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' eadem personae.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rekwizit ta' eadem personae huwa sodisfatt.

Ghar-rigward tar-rekwizit tal-eadem res din il-Qorti taghraf illi ma jistghax ikun hemm kontestazzjoni illi l-oggett taz-zewg kawzi huwa l-istess u cioe' l-istess dritt ta' passagg tal-intimat minn fuq l-istess raba' tal-istess atturi fiz-zewg kawzi. Ghaldaqstant jikkonkorri ukoll dan ir-rekwizit.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet rekwizit u cioe' l-hekk imsejjah eadem causa petendi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana** deciza fis-**7 ta' Marzu 1958** il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> ***"L-eccezzjoni tal-judikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt bhla meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistghax ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet "effettivament"deciza bis-sentenza ta' qabel u mhux biss li "setghet tigi deciza."***
>
> ***Huwa veru li l-motivazzjonijiet fis-sentenza jiswew biex jiddeteminaw il-vera portata tal-punt deciz, b'mod li ghalkemm l-awtorita' tal-gudikat tkun dejjem u eskluzivamnet fid-dispozittiv is-sens ezatt u gust tad-dispozittiv u l-estensjoni legittima tieghu jkunu determinati u spjegati fil-mottivazzjonijiet, anzi xi drabi jigri illi d-decizjoni ma tkunx interament fil-parti dispozittiva tas-sentenza imma tkun anki fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta xi kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja***

***tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dizpozittiv li kollha flimkien kien jiffurmaw il-gudikat...***

***"Dan kollu pero' mhux applikabbli meta f'sentenza li minnha hu allegat li johrog il-gudikat, la fil-motivazzjonijiet u lanqas fid-dispozittiv u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma tkun giet verament "deciza" l-identika kwistjoni li l-parti kuntrarja tallega li hija perenta bil-gudikat anzi meta dik il-kwstjoni mhux talli ma tkunx giet verament deciza imma anzi tkun giet espressament riservata."***

**Ikkonsidrat:**

Fl-ewwel kawza u cioe' ic-citazz 1452/01 deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2011, it-talbiet kienu sabiex dik il-Qorti:

***"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut***

***(i) Jgawdi dritt ta'access ghall-arti tieghu minn fuq triq l-Imdina;***
***(ii) L-acccess li huwa jipretendi li jibqa' jaghmel uzu minnu minn fuq triq Valletta huwa wiehed kapriccuz u mhux necessarju fid-dawl tad-dispozzijonijiet tal-ligi;***
***(iii) Illi tali dritt ta' passagg jigi terminat, annullat u mhassar ai fini u l-effetti kollha tal-ligi;"***(Enfasi ta' din il-Qorti)

It-tieni talba kienet ghal kundanna fi zmien qasir u perentorju ghar-rilaxx tal-imsemmi pussess tal-passagg u riprestinazzjoni tal-art, fil-pussess tal-atturi; waqt li t-tielet talba kienet ghall-awtorizzazzjoni biex isiru xogholijiet mill-atturi f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-konvenut.

Issa t-talba fil-kawza odjerna hija testwalment is-segwenti:

1. ***"Tordna lill-konvenut sabiex jieqaf u jiddezisti milli jkompli jaghmel uzu mill-art proprjeta ta' l-atturi, jew li jivvanta kwalsiasi dritt ta'***

***passagg jew drittijiet ohra fuq l-istess proprjeta'.”*** (Enfasi ta’ din il-Qorti)

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Settembru 2011, **it-talbiet tal-atturi gew michuda bl-ispejjez**. F’dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ddikjarat li l-azzjoni **kienet wahda msejsa fuq Artikolu 449 tal-Kodici Civili** :

*“Hija azzjoni biex timtemm servitu’ li nholqot bi hlas ta’ kumpens fuq fond servjenti favur fond li m’ghandux hrug fuq it-triq pubblika. La darba twassal ghal-thassir ta’ servitu’ – jedd in re –hija azzjoni petitorja li tista’ ssir biss minn sid il-fond servjenti kontra sid il-fond dominanti*” – Vide para. 21 tas-sentenza.

Il-Qorti tal-Appell kompliet tiddikjara:

*“Din il-konsiderazzjoni wahedha hija bizzejjed biex l-azzjoni kontra il-konvenut tingieb fix-xejn.. u dana ‘l ghaliex ma hemmx prova li l-jedd tal-konvenut hareg ai termini ta’ Artikolu 447 tal-Kapitolu 16 u l-ghaliex l-atturi ma kienux sidien tal-ghalqa li kienet imqabbla lil Leonard Spiteri”* – Vide para 22 tas-sentenza.

Di piu f’para 24, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li l-prova mill-atturi ghar-rigward tat-titolu tal-konvenut derivanti mill-Artikolu 447 *“mhux biss ma saritx izda ma setghetx issir: l-Artikolu 447 jaghti jedd lis-sid biss u l-konvenut m’huwiex sid.”*

In konkluzzjoni l-Qorti tal-Appell irriteniet :

***“Il-konkluzzjoni minn dawn il-premessi hija ghalhekk cara u inevitabbli:***
***i. L-azzjoni hija msejsha fuq Artikolu 449,***
***ii L-Artikolu 449 jolqot servitu mahluqa taht l-Artikolu 447***
***iii Il-jedd vantat mill-konvenut ghalkemm maghruf mill-attur m’huwiex servitu mahluqa taht l-Artikolu 447.***
***iv Mela l-azzjoni tal-llum ma tistghax tolqot il-jedd tal-konvenut”***
Vide para. 26 tas-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2011.

Illi ghaldaqstant u precizament b'referenza ghal-talba numerata 1(iii) tac-citazzjoni numru 1452/01 JA u ghat-talba odjerna, l-Qorti hi tal-fehma li kemm fil-motivazzjoni kif ukoll fid-dispozittiv, il-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet **effettivament** il-kwistjoni tad-dritt ta' passagg tal-intimat fuq l-art tal-atturi. Din il-Qorti tqis ukoll, illi dak li gie effettivament deciz fis-sentenza appellata 1452/01 JA hu proprjament l-kwistjoni identika fil-kaz odjern.

Illi minn dana kollu l-Qorti tqis illi anke l-element tal-**eadem causa petendi** gie sodisfacentement ipprovat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' res judicata sollevata mill-konvenut Giuseppi Spiteri,u ssib l-azzjoni attrici hija milquta mill-gudikat mahluq bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tat-30 ta' Settembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet David, Anthony, u Michael ahwa Theuma vs Giuseppi Spiteri u l-kjamat in kawza Direttur tal-Ufficcju Kongunt, Appell Civili 1452/2001; u tehles l-imharrek mill-harsien tal-gudizzju sa fejn l-azzjoni attrici hija milquta mill-imsemmi gudikat; u tikundanna l-atturi jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------